22002D0117

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 117/2002

tas-27 ta' Settembru 2002

li temenda l-Anness I (Materji veterinarji u dawk fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem riferut bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ([1]).

(2) 5 atti li għandhom x'jaqsmu mal-miżuri ta' kontroll – avviż ta' mard – u s-saħħa ta' l-annimali – skambju u tqiegħid fis-suq ta' annimali ħajjin – għandhom jiġu imdaħħla fil-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni m'għandiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2001/498/KE ([2]), 2001/541/KE ([3]), 2001/552/KE ([4]), 2001/553/KE ([5]) and 2001/576/KE ([6]) bl-Islandiż u bin-Norveġiż, li għandhom jiġu ippubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' Settembru 2002, basta li l-avviżi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ippubblikata fit-Taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ta', il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Settembru 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gunnar Snorri GUNNARSSON

([1]) ĠU L 266, tat-3.10.2002, p. 22.
([2]) ĠU L 181, ta' l-4.7.2001, p. 32.
([3]) ĠU L 194, tat-18.7.2001, p. 51.
([4]) ĠU L 199, ta' l-24.7.2001, p. 23.
([5]) ĠU L 199, ta' l-24.7.2001, p. 26.
([6]) ĠU L 203, tat-28.7.2001, p. 23.
(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.

L-ANNESS

Mad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 117/2002

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehom għandu jiġi emendat kif speċifikat hawn taħt.

1. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiddaħħlu f'punt 29 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/124/KE) fil-Parti 4.2:

   "– **32001 D 0498**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/498/KE tad-19 ta' Ġunju 2001 (ĠU L 181, ta' l-4.7.2001, p. 32),

   – **2001 D 0541**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/541/KE tad-9 ta' Lulju 2001 (ĠU L 194, tat-18.7.2001, p. 51)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiddaħħal f'punt 30 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/125/KE) fil-Parti 4.2:

   "– **32001 D 0553**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/553/KE tat-12 ta' Lulju 2001 (ĠU L 199, ta' l-24.7.2001, p. 26)."

3. L-inċiż li ġej għandu jiddaħħal f'punt 48 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/357/KE) fil-Parti 4.2:

   "– **32001 D 0552**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/552/KE tal-11 ta' Lulju 2001 (ĠU L 199, ta' l-24.7.2001, p. 23)."

4. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara punt 49 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/312/KE) fil-Parti 4.2 taħt l-intestatura "ATTI LI GĦALIHOM L-ISTATI TA" L-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA GĦANDHOM JAGĦTU KONT:

   "50. **32001 D 0576**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/576/KE tat-13 ta' Lulju 2001 li tapprova l-programmi sottomessi mill-Italja biex jinkiseb l-istatus ta' żoni approvati u ta' rziezet f'żoni li mhumiex approvati b'rispett għal haematopoietic necrosis u viral haemorrhagic septicaemia infettivi u li thassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/359/KE u 2000/310/KE (ĠU L 203, tat-28.7.2001, p. 23).

   Dan l-att japplika ukoll għall-Islanda."

5. It-test ta' punt 6 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/359/KE) fil-Parti 3.2 u punt 48 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/310/KE) fil-Parti 4.2 it-tnejn li huma taħt l-intestatura "ATTI LI GĦALIHOM L-ISTATI TA" L-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA GĦANDHOM JAGĦTU KONT' għandu jitneħħa.